MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2007

Numru 515/2001

Il-Pulizija
(Sp Joseph Cordina)
vs
John Micallef, iben Carmelo, imwieled Tarxien fit-13 ta' awissu, 1963

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli fl-24 ta' awissu, 2001, u f'dati preċedenti, f'diversi bnadi f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –
1. b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża'

dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' Lm675 bi ħsara ta' ħaddieħor;
2. approprja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal ħaddieħor mis-somma ta' Lm675, flus ta' ħaddieħor li ġew fdati jew ikkunsinnati lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat minħabba l-kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju;
3. ikkometta dawn ir-reati fil-waqt li kien uffiċjal jew impjegat pubbliku, b'hekk sar ħati ta' reat ieħor li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-21 ta' april, 2004 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtije jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
fl-artikoli 18, 141, 293, 294, 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' jannar, 2007 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 18, 141, 293, 294, 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum. Rat l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' sitt mija u ħamsa u sebgħin lira maltin (Lm675) lil John Tanti fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------